# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 11 TA' AWISSU 2020**

**DIGRIET KAMERALI**

**Rikors Revoka 433/2020 RGM**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**numru 1628/2019 MH u wara d-decizjoni**
**tad-19 ta' Dicembru, 2019 fl-ismijiet:**

**Istituto per le Opere di Religione**

**vs.**

**Futura Funds SICAV p.l.c.**

**Futura Investments Management Limited**

**Cougar Real Estate S.A.**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors tal-intimati Futura Funds SICAV p.l.c., Futura Investment Management Limited u Cougar Real Estate S.A.** (l-ezekutati) pprezentat fit-12 ta' Gunju 2020 li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm moghtija talbu lill-Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 836 (1) (b) u / jew (f) tirrevoka l-mandat

t'inibizzjoni li kien sar fuq talba ta' Istituto per le Opere di Religione (IOR) liema gie milqugh fid-19 ta' Dicembru 2019. Qieghed jintalab ukoll li jinghataw dawk il-provvedimenti xierqa "sabiex tippreserva l-valur u tipprevjeni d-dannu jew deterjorament tal-ishma mizmuma mir-rikorrenti" ai termini tal-Artikolu 838 tal-Kapitolu 12. In oltre qieghed jigi mitlub ukoll li jekk it-talba tar-revoka tal-Mandat ma tigix milqugha, il-Qorti ghandha tordna garanzija fl-ammont ta' €29,5 miljun sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni u dan a tenur tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12.

Rat ir-risposta ta' Istituto per le Opere di Religione (IOR) (l-ezekutanti)ipprezentata fid-9 ta' Lulju 2020 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm moghtija qeghdin jopponu ghar-revoka tal-Mandat t'Inibizzjoni.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Ikkunsidrat

**Fatti antecedenti r-rikors ghall-Mandat ta' Inibizzjoni**

Fil-25 ta' Novembru 2019, l-entita Istituto per le Opere di Religione ('IOR') bis-sahha ta' Mandat ta' Inibizzjoni (fejn it-talba teccedi €11,646.86) talbet lill-Qorti diversament presjeduta li

1. "Tinibixxi lill-intimata Futura Funds SICAV p.l.c. u Futura Investment Management Limited ("Futura Management") milli b'xi mod dirett jew indirett u bi kwalsiasi mod jitrasferixxu jew jiddisponu favur terzi l-ishma intestati f'isem Futura Funds SICAV p.l.c. fil-kumpanija Cougar Real Estate S.A. kif ukoll milli jneħħu lil Andrea Suriano mill-kariga tiegħu ta' direttur tal-istess Cougar Real Estate S.A. u

2. Tinibixxi lill-intimata Cougar Real Estate S.A. milli b'xi mod tiddisponi minn u tassenja lil terzi taħt kwalunkwe titolu l-ishma kollha appartenenti

lilha fil-kumpannija mwaqqfa l-Ungerija bl-isem Tzsdepalota Ingatlanforgalmazo es Fejleszto Korlatolt Felelossegu Tarsasag."[1]

B'dak il-mandat ukoll l-entita IOR ikkawtelat il-kreditu pretiz ghas-somma ta' ghoxrin miljun ewro (€20,000,000) u rapprezentanti "... danni li qed jigu likwidati ghall-finijiet ta' dan il-mandat u rapprezentanti telf kawzat u soffert u/jew li ghad jistghu isofru lir-rikorrenti kawza tal-inadempjenza u ksur tal-obbligi fiducjarji taghhom fil-konfront tar-rikorrent Istituto per le Opere di Religione u kawza tal-mala fede fl-agir taghhom".

B'digriet tad-19 ta' Dicembru 2019 din il-Qorti diversament preseduta, wara li ghamlet il-kunsiderazzjonijiet taghha, kkonkludiet li "mad-daqqa t'għajn il-Qorti ma tistax ma tqiesx li hemm obbligazzjonijiet fiduċjarji naxxenti bejn il-partijiet li kellhom u għandhom jiġu rispettati, u għalhekk ukoll kawtelati. Mad-daqqa t'għajn jidher li bank daħħal ċertu investimenti għal akkwist ta' proprjeta' li llum bl-inklussjoni ta' investituri oħra li jidher li fuqhom hu m'għandux kontroll u f'ċertu każi konoxxenza diretta, jaf li se jkun preġudikat b'mod konsiderevoli. Il-bank jinvoka a favur tiegħu l-artikolu 1124A tal-Kap 16, jistrieħ fuq l-istess obbligazzjonijiet naxxenti minnu, tqies li prima facie dan il-jedd huwa bazi ta' l-azzjoni tal-bank. Konsegwentement tqies li hu għandu dritt x'jikkawtela u għalhekk tilqa t-talba kif dedotta".[2]

Fit-2 ta' Jannar 2020 l-ezekutati talbu lil din il-Qorti kif preseduta tirrevoka l-imsemmi mandat ai termini tal-Artikolu 836(1)(c) u (e) tal-Kapitolu 12 u dan stante li hemm garanzija ghall-ammont ta' ghoxrin miljun mis-socjetà Indotek Group.[3] Din il-garanzija inghatat specifikament minn Dalvik bis-sahha ta' ittra datata 30 ta' Dicembru 2019 fejn ingħad li "*Dalvik undertakes the obligation to cause the Buyers – upon the transfer of the shares of Cougar [...] after proper withdrawal or alteration of the Warrant of Prohibitory Injunction – to transfer an amount up to €20,000,000 out of the SPA Escrow Account in a new escrow accounts to be opened in Malta under rules to be set by the Civil Court of*

[1] Mandat t'Inibizzjoni (Rik. Nru 1628/2019 MH) fl-ismijiet **Istituto per le Opere di Religione vs. Futura Funds SICAV plc et.**
[2] Pagna 35 tal-process.
[3] Rikors Revoka 1/2020 RGM.

*Malta on request of the Seller in order to secure the claim of the IOR.*" Di più, l-ezekutati kienu talbu li jekk ir-revoka tal-mandat ma tintlaqax, il-Qorti ghandha tghaddi sabiex tordna lil IOR tipprovdi garanzija xierqa ghal hlas ta' spejjez, penali, danni u imghaxijiet ai termini tal-Artikolu 838A.

B'digriet tas-27 ta' Jannar 2020, it-talba ghar-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni giet michuda u dan a bazi tas-segwenti konsiderazzjoni:

> "Fil-fehma tal-Qorti il-garanzija offerta ma tissodisfax dak provdut fil-liġi nostrana tenut kont illi l-flus li qed jiġi propost li jkunu depożitati f'*escrow account* jistgħu finalment jispiċċaw f'idejn ħaddieħor li wkoll ikollu pretensjonijiet fuq tali ammont depożitat. Kif ġie ritenut "*Huwa wkoll mistenni li l-garanzija offerta tkun magħmula minn "assi żguri" li ma jistgħux ikunu kapriċċożament jew arbitrarjament manipulati mill-parti eżekutata jew minn terzi bi ħsara tal-parti eżekutanti.* ***Il-ġid garantit irid ukoll ikun tali li, f'każ li l-eżekutant ikollu jdur għalih biex jesegwixxi l-pretensjoni tiegħu, dak il-ġid ikun disponibbli u rejaliżżabbli.*" [Desmond Stanley Stewart vs. Theresa Mangion Galea** (Rik Nru 493/2017 JRM) degretat fis-26 ta' Ġunju 2017.]
>
> "Inoltre jirriżulta mill-ittra ppreżentata mar-rikors revoka (ittra imsemmija aktar 'il fuq) li l-garanzija tista' tingħata biss wara li jsir it-trasferiment tal-ishma de quo b'dan illi jiġi krejat *escrow account* u l-flus jiġu d-depożitati fih – "*Dalvik undertakes the obligation to cause the Buyers –* ***upon the transfer of the shares*** *of Cougar [...] after proper withdrawal or alteration of the Warrant of Prohibitory Injunction – to transfer an amount up to €20,000,000 out of the SPA Escrow Account in a new escrow accounts to be opened in Malta under rules to be set by the Civil Court of Malta on request of the Seller in order to secure the claim of the IOR*". Minn dan il-kliem jirrżulta li fil-verità l-garanzija tista' tingħata biss wara li jsir it-trasferiment tal-ishma kolpiti bil-mandat de quo.
>
> "Di più il-garanzija għandha tkun disponibbli – din il-ħtieġa hija l-aktar ċara fit-text Ingliż tal-liġi meta jingħad "*that other adequate security* ***is available***

*to satisfy the claim [...]*". Dak li qed joffru r-rikorrenti la huwa garanzija bankarja u lanqas ittra ta' kreditu u għalhekk l-*escrow account* propost ma hux protett bl-**Artikolu 381 (1) (h) tal-Kap 12** li jipprovdi illi "Ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru ..............(h) fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu".

"Il-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretenzjonijiet tal-eżekutant jaqa' kompletament f'idejn l-eżekutanti. [Ara **Dr. Tonio Fenech noe vs. Dr. Patrick Spiteri pro et noe et** (Ċit Nru 746/2001 GC) deċiż fit-3 t'Awwissu 2001.] Wara kollox kif ingħad fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet **Ranger Company Ltd vs. Euro Imports Ltd** [Ċit Nru 1366/2002 TM deċiż fl-20 ta' Frar 2003.] "*tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant"*. B'applikazzjoni ta' dan l-insenjament għal każ odjern, l-eżekutati naqsu milli jipprovdu garanzija idonea ai termini tal-Artikolu 836 (1) (ċ) u (e).

"Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq dawn il-kawżali ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat kawtelatorju de quo."

Il-Qorti ghaddiet ukoll, wara l-konsiderazzjonijiet hemm maghmula, sabiex cahdet it-talba ghall-ordni ta' garanzija ai termini tal-Artikolu 838A.

L-intimati fit-13 ta' Marzu 2020 ipprezentaw Mandat ta' Sekwestru[4] fejn permezz tieghu saret "talba ghal danni [fl-ammont ta' disgha u ghoxrin miljun u hames mitt elf ewro (€29,500,000)] sofferti mir-rikorrenti Futura SICAV p.l.c. bhala rizultat ta' l-agir tal-intimat IOR, inkluz l-imblukkar tal-bejgh tal-ishma li r-rikorrenti ghandha fil-kumpanija registrata l-Lussemburgu Cougar Real Estate S.A. kif ukoll l-ishma illi din tal-ahhar ghandha fil-kumpannija Ungeriza Tozdepalota Ingatlanforgalmazo es Fejleszto Korlatolt Felelossegu Tarsasag. Din il-pretensjoni giet dedotta u hija spjegata f'izjed dettall fir-rikors mahluf fl-ismijiet Futura Funds SICAV p.l.c. et v Istituto per le Opere di Religione (201/2020 RM) ipprezentat nhar it-3 ta' Marzu, 2020". Dan il-

[4] Mandat ta' Sekwestru (Rik Nru 400/2020).

mandat gie akkordat fit-13 ta' Marzu 2020 izda fis-27 ta' Mejju 2020 l-entita Istituto per le Opere di Religione intavolat rikors ghal revoka a bazi tal-Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12.

Ikkunsidrat

**Talba tal-ezekutati**

Wara li saru sottomissjonijiet dwar x'wassal ghall-hrug tal-Mandat t'Inibizzjoni b'referenza wkoll ghall-offerti li saru minn Indotek kif ukoll mis-socjeta Treville A.S., l-ezekutati ghaddew sabiex jaghmlu "sottomissjonijiet fil-ligi". Sunt tas-sottomissjonijiet saljenti tar-rikorrenti ezekutati fir-rigward tat-talbiet taghhom ghar-revoka tal-Mandat t'Inibizzjoni a bazi tal-Artikolu 836 (1) (b) u (f), huma s-segwenti:-

a. "f'dan l-istadju r-rekwizit li l-Mandat huwa mehtieg sabiex jippreserva d-drittijiet tar-rikorrenti (i.e. IOR) ma ghadhomx jisussistu, ghaliex sakemm il-Proprjeta hija mibjugha, l-investiment shih maghmul mill-IOR ser jigi mfixkel fl-interita tieghu";
b. "fis-sitwazzjoni prezenti, jekk mhu ser isir xejn l-assi milquta mill-inibizzjoni ser jkomplu jiddeterjoraw, kawza tal-passiv sostanzali li ghandu kif ukoll l-ispejjez kurrenti sal-limitu li l-investimenti ta' dawk kollha kkoncernati ser jintilef";
c. "L-IOR qed tagixxi bla aktar mod lampanti in mala fede, u huwa essenzjali li jsir xi haga fl-interess tal-partijiet terzi kollha kkoncernati";
d. "ir-rikorrenti odjerni huma gustament imhasba li jekk issir offerta gdida ghall-ishma ta' Cougar u/jew l-ishma ta' TIFKFT kellhom jinxtraw, ser jergghu jigu rinfaccjatji mill-attitudni intransigenti u malizjuza tal-IOR bil-konsegwenza li l-possibilta t'offerti godda jsir aktar remot; l-offerti jkun anqas vantaggjuzi u probabilment fi kwalsiasi kaz jigu, opposti mill-IOR"

Ikkunsidrat

**Risposta tal-ezekutanti**

L-entita ezekutanti bdiet billi rrimarkat li proceduralment ir-rikors messu gie ipperzentat fl-atti tal-kawza fil-mertu galadarba l-Mandat t'Inibizzjoni gie segwiet bi proceduri fil-mertu. B'referenza ghall-argument li s-sinistru bejn il-partijiet inholoq wara li kien hemm bdil fil-*management* u thaddim tal-bank, IOR osservat li "minn qari tar-rikors intavolat mill-kontro parti, ghandu jkun immedjatament evidenti illi effettivament il-kontro parti hija fil-parti l-kbira tressaq ghal darba ohra l-istess argumenti u sottomissjonijiet li gja gew minnhom maghmula u respinti minn dina l-Onorabbli Qorti".

IOR tinsisti li bil-bejgh tal-ishma li kien mahsub li jsir lil Indotek, hija kienet ser isoffri pregudizzju irrimedjabbli:

> "1. Illi sa' llum la Cougar u wisq anqas Futura illi hija l-unika azzjonista ta' Cougar ma taw l-ebda informazzjoni jew indikazzjoni illi bi hsiebhom ibieghu u jassenjzaw l-investiment lil terzi fil-forma ta' bejgh ta' Cougar, f'liema socjeta l-ishma kollha jappartjenu lil Futura.
>
> 2. Illi mid-dokumenti trasmessi minn l-imsemmi Michael Tippin lil IOR (dok. 3) jidher illi Exchange Palace LLC bhala azzjonista minoritarja f'Cougar qed tintalab illi tiffirma risoluzzjoni fi zmien tmien tijiem (li jiskadu fid-29 ta' Novembru 2019) sabiex id-direttur Andrea Suriana jitnehha u jigi sostitwit minn Daniel Jellinek. Fi ftit kliem id-direttur li kien gie nominat minn Futura f'Cougar issa ser jitnehha sabiex jigi nominat direttur iehor minn Indotek Group Hungary li ser takkwista s-sehem ta' 90% f'Cougar u li ghalhekk ser ikollha d-dritt tinnomina direttur f'Cougar.
>
> 3. Illi dan kollu jindika bic-car illi Futura bi hsieba tbiegh sehma ta' 90% fil-Progett ta' Zvilupp u konferma ta' dan tirrizulta ukoll minn ittra datata 19 ta' Novembru 2019 mibghuta minn Cougar lil Exchange Palace LLC li testwalment tghid hekk :-

"Reference is being made to the Joint Venture Agreement dated as of April 29,2013 (the "JVA"), as subsequently amended, between Exchange Palace LLC and Cougar Real Estate S.A.. .........In accordance with the provisions of the sale and purchase agreement relating to the shares of Cougar Real Estate S.A. between Futura funds SICAV PLC as seller and among others Dalvik110 Property Kft as purchaser, please find attached a request in line with the JVA and the Articles of Association of Tozsdepalota Kft. For recalling of Mr. Andrea Suriana as managing director of Tozsdepalota Kft. And appointing Mr. Daniel Jellinek as managing director."

4. Illi sa' llum la Cougar u lanqas Futura ma taw l-ebda hjiel jew informazzjoni lil IOR dwar dan il-bejgh prospettat tal-investiment fil-Progett ta' Zvilupp. F'kaz illi jsir dan il-bejgh prospettat ser jigi trasferit lil terzi assi ta' valur sostanzjali li fih IOR ghandha interess indirett u li kawza tal-mala fede, agir abusiv u ksur tal-obbligi fiducjarji taghha da parti ta' Futura, IOR issa tinsab fis-sitwazzjoni zvatagguza illi ma ghandha l-ebda kontroll fuq l-assi, il-bejgh tal-istess assi u fuq ir-rikavat bir-riskju serju illi l-investiment ta' IOR u Kappa sejjer jigi aktar u aktar serjament dilapidat oltre li kif gja fuq premess, sabiex sar dan l-investiment da parti ta' Futura tramite Cougar, gew devjati inutilment u dolozament circa Eur 11,600,000.00.

5. Illi fuq kollox u daqstant preokkupanti, b'riferenza ghall-Audited Financial Statement ta' Futura ghas-sena finanzajrja 31 ta' Dicembru 2018 hawn anness u market Dok 4, fil-parti intestata Fair Value of Investment in subsidiary – Kappa Fund ( pagna 38/39), filwaqt li jinghad illi fl-2017 l-valur fis-suq tal-Progett ta' Zvilupp fuq is-sit tal-binja maghrufa bhala Exchange Palace kien ta' Eur 56 miljun, fl-2018 il-valur tal-Progett ta' Zvilupp gie stmat fl-ammont ta' Eur 41.7 miljun bazat fuq offerta min terzi ghall-akkwist ta' Cougar.

6. Illi mbaghad jinghad illi :

"In the last years, the project encountered serious funding issues due to the disputed default on capital commitment of Kappa Class B sole shareholder.

Consequently, the Project was stopped and the original business plan was put on hold while the Investment Manager was assessing different options......Starting from August 2017, a new investor provided funding in two tranches directly to Cougar Real Estate SA (via different financing instrument for a total amount of Eur 24 million) allowing the Project to re-start"

7. Illi jidher ghalhekk illi Cougar tghabbiet direttament bi passiv ta' Eur 24 miljun u ghandu jsegwi illi f'kaz illi Futura tbiegh l-ishma taghha go Cougar kif prospettat, il-prezz rikavat sejjer necessarjament jirrifletti l-passiv li ghandha Cougar bis-self li gie ottenut b'dan ghalhekk illi l-prezz rikavat ser ikun ferm anqas dak prospettat. Dan sejjer necessarjament jippregiudika l-pretensjonijiet ta' IOR.

8. Illi thares kif thares lejn dan il-bejgh prospett, dan ser ikun ta' pregiudizzju irrimedjabbli ghal IOR u l-unika mod f'dan il-mument kif IOR tista tipprotegi l-interessi taghha huwa bil-hrug ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni billi fl-ewwel lok Futura u Futura Management jigu inibiti milli jbieghu jew jassenjaw jew bi kwalunkwe mod icedu l-kontroll fi Cougar u ssir cessjoni tal-ishma li ghandha gewwa Cougar, u sabiex jigi evitat ukoll ir-riskju illi Futura b'xi mod tevita l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni, sabiex Cougar (li ma hi xejn hlief lunga manus ta' Futura) tbiegh u tassenja s-sehem li ghandha ta' 90% tal-ishma fil-kumpannija Ungeriza Tozsdepalota Kft.

9. Illi dan qed jintalab ghaliex prima facie jirrizulta illi l-intimati Futura u/jew Futura Management huma serjament inadempjenti għaliex naqsu milli jonoraw l-obbligi fiduċjarji tagħhom fir-rigward ta' IOR ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) filwaqt illi jirrizulta illi Cougar hija l-istrument jew veiklu fic-centru ta' dan kollu sabiex jigi perpetrat l-agir illecitu u in male fede a skapitu u detriment ta' IOR;"

IOR tispejga li jekk it-talba ghar-revoka tal-Mandat kellha tintlaqa' u l-Qorti tghaddi sabiex tippermetti l-bejgh lil Indotek jew lil terzi, hija titlef irrimedjabbilment ammonti ngenti. Gie spjegat mill-entita ezekutanti li l-bejgh tal-ishma in kwistjoni lil Indotek kien prospettat li jsir versu l-korrispettiv ta' €41,7 miljun fejn €16 miljun minnhom kienu mistennija jigu distributi lill-investituri ta' Kappa A Fund, flimkien ma' l-imghax dovut lil dawk l-investituri, u dan oltre €24 miljun li l-ezekutati jew min minnhom ghandhom ihallsu lill-kreditur injot li avvanza self f'dak l-ammont. Dan iwassal sabiex ma jkun fadal xejn ghal ezekutanti u dan peress li l-kredituri jridu jithallsu bilfors u peress li Kappa A Fund tippregradwa l-investiment ta' IOR f'Kappa B Fund. Fir-rigward tal-bejgh tal-ishma lil Treville S.A., l-entita tissottometti li ghalkemm IOR kienet ser tigi rifuza l-investiment originali taghha ta' €17 miljun, l-investituri ma taw l-ebda spjegazzjoni dwar l-allegat passiv ta' €24 miljun. Tghid ghalhekk li galadarba ma inghataw l-ebda informazzjoni dwar dan nonostante li staqsew ghal aktar taghrif, IOR kienet kostretta tirrifjuta l-offerta.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**

Il-procedura stabbilita taht l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 hija wahda ta' natura straordinarja. Huwa ghalhekk li l-procedura odjerna hija nieqsa mill-formalitajiet assocjati mal-procedura solenni tal-kawzi fil-mertu tant li l-Qorti ghandha l-fakoltà li titratta talbiet simili ghar-revoka *in parte* jew *in toto* ta' mandat kawtelatorju minghajr il-htiega li tappunta seduta ghal smigh *viva voce*.

Isegwi ghalhekk li l-Qorti fi proceduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, m'ghandhiex tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet ghaliex l-istharrig li hija obbligata taghmel huwa wiehed sommarju fuq bazi *prima facie* filwaqt li l-mertu jigi mistharreg u determinat fil-kawza proprja bejn il-partijiet. Kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs. Anthony Govè et** deciza fl-10 ta' Mejju 2001:

> "mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."

Ghalhekk, dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandux jitqies li jkun qed isir xi gudizzju fil-mertu, u fi proceduri bhal dawn jehtieg biss li l-Qorti tistharreg mad-daqqa t'ghajn li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu, cioe` li l-ezekutanti ghandha bazi ta' pretensjoni u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. [5] Il-fatt li dan ir-rikors revoka gie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta wara u ghaliex il-kawza fil-mertu kienet giet assenjata lilha jkompli jsahhah din il-fehma sostnuta mill-gurisprudenza kostanti. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-principju ulterjuri li kull persuna ghandha jedd li thares l-interessi taghha sakemm id-dritt sostantiv taghha jigi determinat definittivament.[6]

Tajjeb jiġi sottolineat illi l-procedura ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju dedotta taht l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 m'ghandhiex tigi kkunsidrata bhala xi forma ta' appell mid-digriet li permezz tieghu inhareg dak il-mandat. L-Artikolu 836 jipprovdi sitt istanzi fuq xiex l-ezekutat jista' jistitwixxi l-azzjoni tieghu sabiex jitnehha l-mandat. Il-legislatur ried jaccerta ruhu ghalhekk illi jekk <u>il-gudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-sehh</u>, dan ikun jista' jitnehha permezz ta' kontro-mandat. Min-naha l-ohra jekk ir-ragunijiet tal-ezekutat in sostenn tat-talba tieghu għar-revoka tal-mandat kawtelatorju imorru lil hinn mir-ragunijiet elenkati fl-Artikolu 836, allura t-triq miftuha ghalih hija li jistitwixxi azzjoni b'rikors guramentat u li mis-sentenza in segwietu ghal dak ir-rikors jista' jsir appell. Finalment ghandu jinghad li l-Qorti hi marbuta li fi procedura bhal dik odjerna l-analizi li

[5] **Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-3 ta' Gunju 1994.
[6] **Technobroadcast Srl vs Mediterranean Broadcasting Limited** deċiża fil-5 ta' Ġunju 2007.

ghandha ssir ghandha tkun wahda strettament fil-parametri tal-Artikolu 836 fuq citat.

Ikkunsidrat

**Rikors kellu jigi pprezentat fl-atti tal-kawza**

L-entita IOR tirrimarka li r-rikors ghar-revoka tal-mandat kellu jigi pprezentat fl-atti tal-kawza. Din il-Qorti però tqis li l-fatt wahdu li r-rikors ghar-revoka ma giex ipprezentat fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **Istituto per le Opere di Religione vs. Futura Funds SICAV plc et** (Rik Gur Nru 17/2020 RGM) jew altrimenti kwalunkwe kawza ohra pendenti bejn il-partijiet ma jwassalx ghan-nullità u rritwalità procedurali tar-rikors taghha u tal-proceduri minnha istitwiti. Fl-ewwel sub-artikolu tal-Artikolu 836, il-legislatur jaghti gwida ta' fejn ghandu jigi pprezentat rikors li permezz tieghu qieghed jintalab ir-revoka ta' Mandat billi jipprovdi li "l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat". Il-Qorti tinnota li l-legislatur hawnhekk qieghed jevita formalizmu zejjed bl-uza tal-kelma "jista'" u mhux "ghandu". Ghaldaqstant, ghalkemm huwa logiku li talba ghar-revoka ta' mandat issir fl-atti tal-kawza, partikolarment meta din tkun ibbazata fuq l-Artikolu 836(1) (b) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 aktar u aktar jekk ikun hemm il-htiega li l-Qorti tezamina fuq bazi purament prima facie certa aspetti li jistghu jirrizultaw mill-azzjoni fil-meritu, in-nuqqas ta' dan ma jgibx fix-xejn ir-rikors ghar-revoka tal-mandat.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tqis ir-rikors promotur bhala wiehed ritwali u ser tghaddi sabiex tiddelibera dwar il-mertu tar-rikors in dizamina.

Ikkunsidrat;

**Il-ligi**

L-ezekutati qeghdin iressqu t-talba ghar-revoka tal-Mandat specifikament taht **paragrafu (b) u (f) tal-ewwel subartikolu tal-Artikolu 836,** li jaqraw hekk:

> "(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
>
> [...]
>
> (b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;
>
> [...]
>
> (f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"

***Wahda mill-htigijiet ghall-hrug tal-att kawtelatorju m'ghadhiex tezisti***
***- Art. 836 (1) (b) -***

In tema legali ssir referenza ghad-digriet moghti mill-Qorti Civili, Prim'Awla fl-ismijiet **Av Antonio Depasquale noe vs. World Match Limited** (Rik Nru 315/2014) tal-20 ta' Mejju 2014 fejn inghad:-

> "Ikkonsidrat li din id-dispożizzjoni, skont il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, <u>wara</u> l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed

> irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att."

Permezz ta' digriet fl-ismijiet **Bartholomeo Bonett et vs. George Borg et** (Rik. Nru 158/2008) moghti mill-Qorti Civili, Prim'Awla fit-22 ta' Settembru 2008 ingħatat interpretazzjoni tal-Artikolu 836 (1) (b) tal-Kapitolu 12 bil-mod segwenti:

> "Din id-dispożizzjoni, skont il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. [Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet **Dr. Tonio Fenech noe et vs Dr. Patrick Spiteri noe et noe**] Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att. Il-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu."

Kif diga gie ritenut, l-ezekutati jinsistu li r-rekwizit li l-mandat huwa mehtieg sabiex jippresrva d-drittijiet ta' IOR m'ghadhux jisussisti u dan ghaliex l-investiment ta' IOR ser jigi mfixkel "sakemm il-proprjeta hija mibjugha". Applikata l-gurisprudenza appena citata ghall-kaz odjern, huwa evidenti li s-sottomissjonijiet fir-rigward tal-offerti minn Indotek kienu kollha jikkoncernaw fatti li kienu jezistu qabel il-hrug tal-mandat. L-argument tal-ezuktati lanqas ma jregi fir-rigward tas-socjeta Treville A.S. u dan ghaliex kienet IOR stess li rifjutat l-offerta tal-imsemmija socjeta. Huwa ben saput li mandat jinhareg bil-pjena konoxxenza tal-parti li qieghda terfa' r-responsabiltà ghal konsegwenzi tieghu.

In oltre din il-Qorti tqis ukoll li l-ezukutati ma wrewx lil din il-Qorti li kien hemm xi tibdil fil-pretensjonijiet jew jeddijiet li l-entita ezekutanti kellha mal-hrug tal-mandat u li issa m'ghadux hemm.

Ghaldaqstant ma jistax jitqies ai termini tal-artikolu tal-ligi sudett illi kien hemm xi tibdil wara l-hrug tal-mandat de quo li jiggustifika r-revoka tal-mandat u ghalhekk id-dispozizzjoni tal-ligi suriferita m'hija ta' ebda siwi ghall-entita ezekutanti f'dawn il-proceduri.

***Jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli - Art. 836 (1) (f) -***

In tema legali ssir referenza ghal dak ritenut mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili b'referenza specifika ghat-talba ghar-revoka bbazata fuq is-sub-inciz (f) tal-Artikolu 836 (1), "Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."[7]

Gie wkoll ritenut illi:-

> "Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b'mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex ragjonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in

[7] **Francis Spiteri vs. Charles Darmanin** (Rik Nru 571/2010 JRM) degretat fil-25 t'Awwissu 2010.

parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem “jinzamm” u “aktar mehtieg” li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m’ghadux il-kaz.”[8]

Fuq l-iskorta tal-insenjament fuq citat, il-Qorti tirritjeni illi sabiex tintlaqa’ talba ghar-revoka ta’ mandat kawtelatorju fuq id-dispost tal-Artikolu 836 (1) (f), ghandu jirrizulta lill-Qorti li mandat li kien ragjonevoli jew gustifikabbli *ab initio*, issa m’ghadux mehtieg. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid iqis jekk meta tintalab ir-revoka tal-Mandat, ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-Mandat li kienu vigenti meta nhareg l-istess Mandat.

L-osservazzjonijiet li saru taht is-sub-inciz (b) jorbtu tajjeb taht il-paragrafu (f). Maghdud ma’ dawk l-osservazzjonijiet din il-Qorti tinnota li l-argument li l-fond ser jiddeterjora u li l-mandat m’ghandux jinhareg ghaliex hemm interessi ta’ terzi li ghandhom jigu mharsu, diga huma argumenti li tressqu fir-risposta taghhom ghal hrug tal-Mandat.

Il-Qorti hija tal-fehma li *prima facie* ma tirrizulta il-malizzja jew il-mala fede de parti tal-ezekutanti kif qed isostnu l-ezekutati rikorrenti. . Tqis ghalhekk illi r-rikorrenti ma sehhilhomx jiggustifikaw it-talba taghhom ai termini tas-sub-inciz (f) tal-Artikolu 836 (1) u lanqas minhabba xi malizzja jew *mala fede* da parti tal-entita ezekutanti.

Ikkunsidrat

**Artikolu 838**

L-ezekutati fit-tieni talba taghhom qeghdin jitolbu lil din il-Qorti “tagħti kull ordni kif ikun meħtieġ sabiex il-ħwejjeġ deskritti fl-att kawtelatorju ma jitħassrux jew ma jitgħarrqux jew ma tiġrilhomx ħsara” u dan a tenur tal-

[8] **Jamar Malta Limited (C45236) vs. Office Group Limited (C39197)** (Rik Nru 688/2012 JRM) degretat fl-10 ta` Awissu 2012. Ara wkoll **George Cassar pro et noe vs. Emanuel Falzon et** (Rik Nru 741/2015 LSO) degretat 22 ta` Ottubru 2015.

Artikolu 838 tal-Kapitolu 12. In sostenn ta' din it-talba, l-ezekutati jispjegaw li "l-unika soluzzjoni raġonevoli u viabbli hija li l-Mandat jigi revokat in parti, b'tali mod li r-rikorrenti jkunu jistghu jipproċedu bi trasferiment propost tal-isham ta' Cougar jew TIFKFT li jirrifletti l-valur attwali tal-ishma bbazat fuq il-valur tal-Proprjetà skont l-ahhar valutazzjoni ta' Jones Lang LasSalle".

Din il-Qorti hija tal-fehma li t-tieni talba m'ghandhiex tintlaqa u dan stante li filwaqt li l-Artikolu 838 jirreferri ghal fatt li l-hwejjeg kawtelati m'ghandhomx jithassru jew jitgharrqu, l-ezekutati qeghdin jitolbu proprju l-kontra u cioe il-bejgh tal-ishma li l-ezekutanti qieghda titlob li jinzamm li jsir. Jekk din it-talba tintlaqa, il-Qorti tkun qieghda ggib fix-xejn il-Mandat t'Inibizzjoni fuq artikolu oltre dak permess li tahtu jista' jigi revoka mandat kawtelatorju, apparti l-fatt ukoll, kif diga gie ritenut, li mandat kawtelatorju jista' jigi revokat a bazi tal-Artikolu 836 u mhux ukoll a bazi tal-Artikolu 838. Ghaldaqstant it-tieni talba qieghda tigi wkoll michuda.

Ikkunsidrat

**Artikolu 838A**

Bis-sahha ta' dan ir-rikors in ezami l-ezekutati qeghdin jitolbu, b'mod alternattiv u sussidjarju ghall-ewwel talba taghhom, garanzija ghall-hlas ta' penali, danni u imghaxijiet ai termini tal-Artikolu 838A li jaqra kif gej:

> "Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."

Il-Qorti tqies li l-ligi trid li lill-Qorti tintwera "kawza gusta" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba . Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta"

ghall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti taghti tali ordni.

Fil-provvediment illi din il-Qorti diversament preseduta tat fis-6 ta` Frar 2014 fit-Rikors Nru 1221/2013 fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited et vs. Roc A Go Crane Services Limited et** ingħad "*Illi dan huwa konformi ma` dak li gie stabbilit fid-decizjoni "Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited" (P.A. (RCP) – 20 ta` Mejju 2002) u wkoll fid-decizjoni "Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et" (P.A. – 30 ta` Gunju 2000) fejn inghad:- "Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti) mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta.*"

Inghad ukoll fis-sentenza **Avukat Vincent Falzon noe vs. Alex Sullivan**[9] li d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-ezekutat jista' jipprova li jkun garrab <u>direttament</u> minhabba l-hrug tal-att kawtelatorju u bhala konsegwenza ta' tali hrug, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni.

L-ammont tal-garanzija li jrid jigi iffissat irid izomm bilanc xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex thares il-pretensjonijiet taghha f'kawza pendenti, u l-effett li tali att ihalli fuq il-persuna li kontra taghha jinhareg dak il-Mandat. Ta' min jghid hawnhekk li l-ordni biex tinghata garanzija m'hijiex l-istess bhal kundanna ta' penali jew kundanna ghall-hlas ta' danni: l-ghan wahdieni taghha huwa li tqieghed lill-parti ezekutata f'qaghda li, meta jokkorru c-cirkostanzi kontemplati fil-ligi kif interpretata mill-gurisprudenza, jekk sussegwentement jirrizulta dritt a favur tal-ezekutat ghall-hlas ta' danni u penali da parti tal-ezekutant, allura issib assi li fuqhom tkun tista' tezegwixxi l-pretensjoni taghha ghad-danni sofferti b'rizultat ta' atti kawtelatorji li eventwalment instab li ma kienux gustifikati.

[9] Rik. Nru 2049/2000 degretat fit-2 ta' Marzu 2001.

Issir referenza ghad-digriet moghti mill-Prim'Awla fl-ismijiet **Charles Darmanin et vs. Albert Cachia et** (Rik. Nru 267/2007 JRM) fil-31 ta' Lulju 2007:

> "Illi hawnhekk irid jingħad li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;
>
> Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Lanqas ma jidher li huwa biżżejjed biex jikkostitwixxi "kawża ġusta" għall-finijiet tal-artikolu 838A il-fatt li persuna li kontriha jkun inħareġ Mandat kawtelatorju tkun qegħda ġġarrab danni minħabba dak il-Mandat. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili."

Minbarra dan, fejn persuna ntwera li kellha ragunijiet sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha billi titlob il-hrug ta' Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien manifestament eccessiv, la manifestament fieragh u/jew vessatorju, ma jitnisslux ragunijiet ghall-kundanna ta' ghoti ta' garanzija kontemplata fl-Artikolu 838A.

Ikkunsidrat

L-ezekutati jallegaw li apparti dannu ghar-reputazzjoni taghhom, hemm ukoll danni finanzjarji ohra li jistghu jinkorru jekk Kappa jew Cougar jispiccaw insolventi u huwa ghalhekk isostnu li l-Qorti ghandha tipprovdi garanzija fis-somma ta' €29,5 miljun jew kwalunkwe ammont verjuri iehor. Isostnu wkoll li minn zviluppi ricenti jirrizulta li IOR qieghda tagixxi b'mod malizzjuz. B'din id-dikjarazzjoni l-Qorti tifhem li hawnhelk l-ezekutati qeghdin jirreferu fost l-ohrajn ghall- fatt li IOR oggezzjonat ghall-offerta tas-socjeta Treville.

L-intimati jillamentaw ukoll li l-Mandat ta' Sekwestru kontra IOR fl-ammont ta' €29,5 miljun ma renda xejn stante li l-ebda ammont ma gie depozitat.

Din il-Qorti gia' kellha okkazzjoni tiddelibera fid-digriet minnha moghti fis-27 ta' Jannar 2020 [1/2020RGM] fl-ismijiet premessi li l-Artikolu 838A mhux qieghed hemm sabiex jissostitwixxi rimedji oħra. Jew jissussistu l-estremi taht l-Artikolu 838A jew le; indipendentement jekk atti kawtelatorji ohra tawx ir-rizultat mixtieq.

Finalment l-ezekutati jillamentaw li "Cougar hija kumpannija bbazata f'gurisdizzjoni ohra li ma ghandha l-ebda relazzjoni mal-IOR u li anqas ma kienet konvenut fil-kawza prinċipali". Dan l-anqas ma jammonta ghal kawza gusta. Il-Qorti m'hijiex sejra tidhol f'dan l-istadju ta' prima facie ma' minn IOR ghandha relazzjoni guridika u lanqas liema parti hu legittimu kontradittur. Din il-Qorti diversament preseduta fil-Mandat t'Inibizzjoni li tieghu hawn qieghed jintalab ir-revoka tieghu osservat li

> "Tenut dan premess il-Qorti tħoss li marbut sewwa sew max-xilja imsemmija jew nuqqas tagħha, f'dawn il-proċeduri ta' natura sommarja, għalhekk it-terminu proċedurali qasir stabbilit biex jiġu determinati, ma tistax tfittex u tgħarbel minn hu l-legittimu kontradittur li għandu jwiegeb għal-kawtela mitluba. Dan l-ezami approfondit jappartjeni lil Qorti adita bit-tfittxija tad-dritt sostatantiv. L-ezami li trid tagħmel f'dawn il-proċeduri huwa ben arginat fil-provediment ċitat u ma jirrikjedix l-ezami approfondit tad-dritt reklamat."

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq riferiti din il-Qorti thoss li ma jirrizultawx l-estremi ghall-ordni taht l-Artikolu 838A.

**Digriet**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda tipprovdi dwar it-talbiet tal-ezekutati Futura Funds SICAV p.l.c., Futura Investment Management Limited u Cougar Real Estate S.A. billi tichadhom, bl-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

Moghti kameralment illum 11 ta' Awissu 2020.

**Onor. Imħallef Robert G. Mangion**